Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,211, 22 ta' Diċembru, 1995
Taqsima C

A.L. 186 ta' l-1995

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

ATT DWAR AWTORITÀ DWAR IT-TRASPORT PUBBLIKU (KAP. 332)

Regolamenti ta' l-1995 dwar l-Użu ta' *Seat Belts* fuq Vetturi bil-Mutur

Avviż ta' bidu fis-seħħ dwar Karrozzi Speċifikati

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtija bil-paragrafu (2) tar-regolament 1 tar-Regolamenti ta' l-1995 dwar l-Użu ta' *Seat Belts* fuq Vetturi bil-Mutur, il-Kummissarju tal-Pulizija, bil-parir tal-Bord għall-Kontroll tat-Traffiku, u ċ-*Chairman* ta' l-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku, bil-kunsens tal-Ministru għat-Trasport, Komunikazzjoni u Teknoloġija, stabbilew l-1 ta' Jannar, 1996 bħala d-data meta d-dispożizzjonijiet kollha tar-Regolamenti ta' l-1995 dwar l-Użu ta' *Seat Belts* fuq Vetturi bil-Mutur, pubblikati bl-Avviż Legali 129 ta' l-1995, għandhom jibdew iseħħu dwar vetturi bil-mutur li s-sena ta' produzzjoni tagħhom hija 1990 jew xi sena oħra li tiġi wara dik is-sena, u liema vetturi bil-mutur qegħdin għall-għanijiet tar-regolament 3 ta' dawk ir-regolamenti jiġu indikati bħala karrozzi speċifikati.